Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9645 — Platinum Equity Group/Cision)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 409/10)

1. Fit-28 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Platinum Equity LLC (Platinum Equity Group, l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Cision Ltd (Cision, l-Istati Uniti tal-Amerka).

Platinum Equity Group jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Cision kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Platinum Equity Group: grupp ta' entitajiet ikkontrollati minn Platinum Equity LLC speċjalizzata fil-fużjoni, l-akkwist u t-tħaddim ta' kumpaniji li jipprovdu servizzi u soluzzjonijiet lil klijenti f'firxa wiesgħa ta' negozji, inklużi teknoloġija tal-informazzjoni, telekomunikazzjonijiet, loġistika, servizzi tal-metall, manifattura u distribuzzjoni, fil-livell dinji.

— Cision: fornitur ta' software tal-workflow għar-relazzjonijiet pubbliċi, distribuzzjoni tal-media, intelligence tal-media u prodotti relatati u servizzi lil professjonisti tar-relazzjonijiet pubbliċi u tal-komunikazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni, fil-livell dinji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M9645 — Platinum Equity Group/Cision

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.